SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

17 ta' Marzu 2011 *

Fil-Kawżi magħquda C-372/09 u C-373/09,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Cour de cassation (Franza), permezz tad-deċiżjonijiet tal-10 ta' Settembru 2009, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Settembru 2009, fil-proċeduri mibdija minn:

Josep Peñarroja Fa,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, K. Schiemann, L. Bay Larsen (Relatur), C. Toader u A. Prechal, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: M.-A. Gaudissart, Kap ta' Diviżjoni,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-15 ta' Settembru 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal J. Peñarroja Fa, minnu nnifsu,

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues, B. Messmer u A. Czubinski, bħala aġenti,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. Wissels u J. Langer, bħala aġenti,

— għall-Gvern Awstrijak, minn E. Riedl, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn H. Støvlbæk, I. Rogalski u C. Vrignon, bħala aġenti,

— għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, minn X. Lewis, F. Simonetti u I. Hauger, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal domanda preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikoli 43 KE, 45 KE, 49 KE u 50 KE, li attwalment jikkorrispondu, rispettivament, għall-Artikoli 49 TFUE, 51 TFUE, 56 TFUE u 57 TFUE, kif ukoll tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, p. 22).

2 Dawn it-talbiet ġew ippreżentati fil-kuntest ta' żewġ kawżi ppreżentati minn J. Peñarroja Fa, ċittadin Spanjol, dwar l-inklużjoni tiegħu bħala traduttur bil-lingwa Spanjola, minn naħa, fil-lista ta' periti ġudizzjarji tal-Qorti tal-Appell ta' Pariġi u, min-naħa l-oħra, fil-lista nazzjonali ta' periti ġudizzjarji.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/36:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli skond liema Stat Membru li jissoġġetta l-aċċess jew l-eżerċizzju ta' professjoni regolata fit-territorju tiegħu għall-kondizzjoni ta' pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi (minn hawn il quddiem imsejħa 'l-Istat Membru ospitanti') għandu jirrikonoxxi kwalifiki professjonali miksuba fi Stat Membru jew aktar (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Istat Membru ta' l-oriġini') u li jippermettu li persuna li jkollha dawk il-kwalifiki teżerċita l-istess professjoni hemmhekk, għal aċċess għal u eżerċizzju ta' dik il-professjoni."

4 L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi:

"1. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

a) 'professjoni regolata': attività professjonali jew grupp ta' attivitajiet professjonali, li l-aċċess għalihom, l-eżerċizzju tagħhom, jew wieħed mill-modi ta' l-eżerċizzju tagħhom huma soġġetti, direttament jew indirettament, permezz ta' dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi, għall-pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi; b'mod partikolari, l-użu ta' titolu professjonali limitat minn dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi lil

titolari ta' kwalifiki professjonali għandu jikkostitwixxi mod ta' eżerċizzju. Fejn l-ewwel sentenza ta' din id-definizzjoni ma tapplikax, professjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi trattata bħala professjoni regolata;

b) 'kwalifiki professjonali': kwalifiki attestati minn prova ta' kwalifiki formali, attestazzjoni ta' kompetenza kif imsemmija fis-subparagrafu (i) tal-punt (a) ta' l-Artikolu 11 u/jew esperjenza professjonali;

[…]"

5 L-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva, dwar l-effetti tar-rikonoxximent, jipprovdi:

"1. Ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali mill-Istat Membru ospitanti jippermetti lill-benefiċjarju sabiex jikseb aċċess f'dak l-Istat Membru għall-istess professjoni bħal dik li huwa kwalifikat fiha fl-Istat Membru ta' l-oriġini u sabiex jeżerċitaha fl-Istat Membru ospitanti taħt l-istess kondizzjonijiet bħaċ-ċittadini tiegħu.

2. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-professjoni li l-applikant jixtieq li jeżerċita fl-Istat Membru ospitanti hija l-istess bħal dik li huwa kwalifikat fiha fl-Istat Membru ta' l-oriġini jekk l-attivitajiet koperti huma paragunabbli."

6 Taħt it-Titolu II ta' din l-istess direttiva, dwar il-libertà li jiġu provduti servizzi, l-Artikolu 5 jipprovdi:

"1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tad-dritt Komunitarju, kif ukoll l-Artikoli 6 u 7 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri m'għandhomx jirrestrinġu, għal xi raġuni relatata ma' kwalifiki professjonali, il-libertà li jiġu provduti servizzi fi Stat Membru ieħor:

a) jekk il-fornitur tas-servizz huwa stabbilit legalment fi Stat Membru bl-għan li jeżerċita l-istess professjoni hemmhekk (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-'Istat Membru ta' stabbiliment'), u

b) fejn il-fornitur tas-servizz jibdel il-pajjiż, jekk ikun eżerċita dik il-professjoni fl-Istat Membru ta' stabbiliment għal mhux inqas minn sentejn matul l-għaxar snin ta' qabel il-provvista tas-servizzi meta l-professjoni mhijiex regolata f'dak l-Istat Membru. Il-kondizzjoni li teħtieġ sentejn ta' eżerċizzju m'għandhiex tapplika fejn jew il-professjoni jew l-edukazzjoni u t-taħriġ li jwasslu għall-professjoni huma regolati.

[…]"

Id-dritt nazzjonali

7 L-inklużjoni fil-lista nazzjonali ta' periti ġudizzjarji sottomessa mill-Cour de cassation u fil-lista ta' periti ġudizzjarji sottomessa minn kull qorti tal-appell kif ukoll il-ħatra ta' dawn il-periti huma rregolati b'mod partikolari mit-testi li ġejjin:

— il-Liġi Nru 71-498 tad-29 ta' Ġunu 1971 dwar il-periti ġudizzjarji, kif emendata bil-Liġi Nru 2004 130 tal-11 ta' Frar 2004 (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 71 498");

— id-Digriet Nru 2004-1463 tat-23 ta' Diċembru 2004 dwar il-periti ġudizzjarji, kif emendat bid-Digriet Nru 2007-119 tad-19 ta' Lulju 2007 (iktar 'il quddiem id-"Digriet Nru 2004-1463");

— l-Artikolu 157 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali

Il-Liġi Nru 71-498

8 L-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 71-498 jipprovdi:

"Bla ħsara biss għar-restrizzjonijiet previsti mil-liġi jew mir-regolamenti, l-imħallfin jistgħu jinnominaw, sabiex iwettqu konstatazzjonijiet, jieħdu parir jew iwettqu xogħol ta' perizja, persuna li tidher f'waħda mil-listi stabbiliti b'applikazzjoni tal-Artikolu 2. Huma jistgħu, jekk ikun il-każ, jinnominaw kwalunkwe persuna oħra li jagħżlu huma".

9 Skont l-Artikolu 2 ta' din il-liġi:

"I. Għandha tiġi stabbilita għall-informazzjoni tal-imħallfin:

1. Lista nazzjonali ta' periti ġudizzjarji, sottomessa mill-uffiċċju tal-Cour de cassation;

2. Lista ta' periti ġudizzjarji, sottomessa minn kull qorti tal-appell.

II. L-ewwel inklużjoni bħala perit fil-lista sottomessa mill-qorti tal-appell għandha tittwettaq, taħt taqsima partikolari, għal perijodu ta' prova ta' ta' sentejn.

Fi tmiem ta' dan il-perijodu ta' prova, u fuq applikazzjoni oħra, il-perit jista' jitniżżel mill-ġdid għal tul ta' ħames snin, wara opinjoni motivata ta' bord li jiġbor rappreżentanti tal-qrati u tal-periti. Għal dan il-għan, jiġu evalwati l-esperjenza tal-parti interessata u l-konoxxenza li jkun kiseb tal-prinċipji li jirregolaw il-proċeduri u tar-regoli tal-proċedura applikabbli għall-miżuri istruttorji mogħtija lill-persunal tekniku.

L-inklużjonijiet mill-ġdid sussegwenti, għal tul ta' ħames snin, huma suġġetti għall-eżami ta' applikazzjoni ġdida taħt il-kundizzjonijiet previsti fis-subparagrafu preċedenti.

III. Ħadd ma jista' jitniżżel fil-lista nazzjonali ta' periti jekk ma jkunx ġie inkluż f'lista sottomessa minn qorti tal-appell għal tliet snin konsekuttivi. L-inklużjoni fil-lista nazzjonali titwettaq għal tul ta' seba' snin u l-inklużjoni mill-ġdid, għall-istess tul, hija suġġetta għall-eżami ta' applikazzjoni ġdida.

[…]"

Id-Digriet Nru 2004-1463

10 F'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ġenerali ta' inklużjoni fil-listi ta' periti ġudizzjarji, l-Artikolu 2 tad-Digriet Nru 2004-1463 jipprovdi:

"Persuna fiżika tista' titniżżel jew titniżżel mill-ġdid f'lista ta' periti biss jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

1° Ma tkunx wettqet atti li jmorru kontra l-unur, l-integrità u l-moralità;

2° Ma tkunx wettqet atti li jagħtu lok għal sanzjoni dixxiplinari jew amministrattiva ta' tneħħija, tkeċċija, revoka, irtirar ta' mandat jew ta' awtorizzazzjoni;

3° Ma tkunx ġarrbet falliment personali jew sanzjoni oħra b'applikazzjoni tat-Titolu II tal-Ktieb VI tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

4° Teżerċita jew tkun eżerċitat għal perijodu suffiċjenti professjoni jew attività marbuta mal-ispeċjalizzazzjoni tagħha;

5° Teżerċita jew tkun eżerċitat din il-professjoni jew din l-attività taħt kundizzjonijiet li jagħtu kwalifikazzjoni suffiċjenti;

[…]"

11 F'dak li jirrigwarda l-proċedura ta' inklużjoni f'lista ta' periti ġudizzjarji sottomessa minn qorti tal-appell, l-Artikolu 6 tad-Digriet Nru 2004-1463 jipprovdi:

"[…]

L-applikazzjoni għandha jkollha kull informazzjoni utli, b'mod partikolari dan li ġej:

[…]

2° Indikazzjoni tat-titoli jew diplomi tal-applikant, tax-xogħlijiet xjentifiċi, tekniċi u professjonali, tal-funzjonijiet varji li wettaq u tan-natura tal-attivitajiet professjonali kollha li huwa wettaq, flimkien, jekk ikun il-każ, mal-isem u l-indirizz tal-persuni li impjegawh;

3° Ġustifikazzjoni tal-kwalifiki tal-applikant fl-ispeċjalizzazzjoni tiegħu;

[…]"

12 Fir-rigward tal-proċedura ta' inklużjoni mill-ġdid f'lista ta' periti ġudizzjarji sottomessa minn qorti tal-appell, l-Artikolu 10 tad-Digriet Nru 2004-1463 jipprovdi:

"[…]

L-applikazzjoni għandha jkollha magħha d-dokumenti kollha li jippermettu li jiġu evalwati:

1° L-esperjenza miksuba mill-applikant, kemm fl-ispeċjalizzazzjoni tiegħu, kemm fil-prattika tal-funzjoni ta' espert mill-aħħar inklużjoni fil-lista;

2° Il-konoxxenza li jkun kiseb tal-prinċipji li jirregolaw il-proċess u tar-regoli tal-proċedura applikabbli għall-miżuri istruttorji mogħtija lill-persunal tekniku kif ukoll it-taħriġ li jkun segwa f'dawn l-oqsma."

13 Fir-rigward tal-proċedura ta' inklużjoni u ta' inklużjoni mill-ġdid fil-lista nazzjonali ta' periti ġudizzjarji sottomessa mill-Uffiċċju tal-Cour de cassation, l-Artikolu 17 tad-Digriet Nru 2004-1463 jipprovdi:

"[…]

Il-Prosekutur Ġenerali għandu jeżamina l-applikazzjoni. Huwa jivverifika jekk il-kundizzjoni ta' tul ta' inklużjoni fil-lista ta' qorti tal-appell stabbilita fit-Taqsima II tal-Artikolu 2 tal-Liġi [Nru 71 498] tkunx ġiet sodisfatta fl-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara dik tal-preżentata tal-applikazzjoni. Huwa jitlob l-opinjoni tal-ewwel President u tal-Prosekutur Ġenerali tal-Qorti tal-Appell li fiha l-parti interessata hija mniżżla, u jibgħat l-applikazzjonijiet, flimkien mal-opinjoni tiegħu, lill-uffiċċju tal-Cour de cassation."

14 L-Artikolu 20 tad-Digriet Nru 2004-1463 jipprovdi:

"Id-deċiżjonijiet ta' inklużjoni jew ta' inklużjoni mill-ġdid u ta' rifjut ta' inklużjoni jew ta' inklużjoni mill-ġdid, meħuda mill-awtorità responsabbli għal-listi jistgħu jagħtu lok għal proċeduri quddiem il-Cour de cassation."

Il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali

15 Fir-rigward tan-nomina ta' periti ġudizzjarji fil-qasam kriminali, l-Artikolu 157 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali jipprovdi:

"Il-periti jintgħażlu minn fost il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jidhru fil-lista nazzjonali sottomessa mill-Cour de cassation jew fuq waħda mil-listi sottomessi mill-qrati tal-appell taħt il-kundizzjonijiet previsti mil-Liġi Nru 71-498 […]

B'mod eċċezzjonali, il-qrati jistgħu, permezz ta' deċiżjoni motivata, jagħżlu periti li ma jidhrux fl-ebda waħda minn dawn il-listi."

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

16 J. Peñarroja Fa jirrisjedi f'Barcelona u ilu jwettaq f'Catalunya, għal iktar minn għoxrin sena, il-professjoni ta' perit traduttur ġuramentat. Huwa ġie nnominat f'din il-kariga mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Spanjol u mill-Gvern ta' Catalunya wara li għadda minn kompetizzjoni. Huwa jittraduċi mill-Franċiż lejn l-Ispanjol u mill-Ispanjol lejn il-Franċiż.

17 J. Peñarroja Fa talab l-ewwel inklużjoni fil-lista ta' periti ġudizzjarji tal-Qorti tal-Appell ta' Pariġi, għal sentejn, fil-kwalità ta' traduttur bil-lingwa Spanjola. It-talba tiegħu ġiet miċħuda bid-deċiżjoni tal-Assemblea Ġenerali tal-Maġistrati ta' din il-Qorti tal-Appell tat-12 ta' Novembru 2008.

18 Fl-istess waqt, J. Peñarroja Fa talab l-inklużjoni tiegħu bħala perit, fl-istess kwalità, fil-lista nazzjonali ta' periti ġudizzjarji stabbilita mill-uffiċċju tal-Cour de cassation. Din it-talba ġiet miċħuda bid-deċiżjoni tagħha tat-8 ta' Diċembru 2008.

19 Skont id-dispożizzjonijiet tad-Digriet Nru 2004-1463, J. Peñarroja Fa ressaq appell miż-żewġ deċiżjonijiet quddiem il-qorti tar-rinviju.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Cour de cassation iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel is-segwenti domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-Kawża C-372/09:

"1) L-Artikolu 50 [KE] għandu jiġi interpretat fis-sens li jista' jkopri l-funzjoni fdata lil professjonist, bħala perit, fi kwistjoni mressqa quddiem il-qrati nazzjonali u maħtur mill-qorti li tagħha tintalab tieħu konjizzjoni […]?

2) Il-parteċipazzjoni fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika, imsemmija fl-[ewwel] paragrafu tal-Artikolu 45[…] [KE], għandha tiġi interpretata fis-sens li tkopri l-funzjoni ta' periti maħtura minn qorti Franċiża, kif imsemmi mill-kodiċijiet tal-proċedura ċivili u tal-proċedura kriminali Franċiżi, kif ukoll mil-Liġi Nru 71-498 […] u mid-Digriet Nru 2004-1463[…]?

3) L-Artikoli 43 [KE] u 49 [KE] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni, bħal dik li tirriżulta mil-Liġi Nru 71-498 […] u mid-Digriet Nru 2004-1463 […], li jissottomettu l-iskrizzjoni f'lista maħruġa minn qorti tal-appell għal kundizzjonijiet ta' eta', kompetenza, moralità u indipendenza, u li ma jiħdux […] in kunsiderazzjoni la l-fatt li l-applikant kien ġie rrikonoxxut bħala perit mill-qrati tal-Istat [Membru] tal-oriġini tiegħu, u lanqas l-implementazzjoni ta' metodi oħra ta' kontroll tal-kwalitajiet tiegħu?"

21 Fil-Kawża C-373/09, il-Cour de cassation għamlet, minbarra l-ewwel żewġ domandi fformulati fi kliem identiċi għal dawk tad-domandi ppreżentati fil-Kawża C-372/09, id-domandi li ġejjin:

"3) L-Artikoli 43 [KE] u 49 [KE] għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu leġiżlazzjoni, bħal dik li tirriżulta mil-Liġi Nru 71-498 […] u mid-Digriet Nru 2004-1463 […], li tirriżerva l-inklużjoni fil-lista nazzjonali u t-titolu ta' perit awtorizzat mill-Cour de cassation għall-professjonisti rreġistrati, sa mill-inqas tliet snin, fil-lista stabbilita minn qorti tal-appell Franċiża?

4) L-Artikolu 3[(1)(a)] tad-Direttiva 2005/36/KE […] għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jinkludi l-eżerċizzju ta' funzjoni ta' periti ġudizzjarji taħt it-titolu ta' perit ġudizzjarju awtorizzat mill-Cour de cassation skont ir-regoli dettaljati previsti mil-Liġi Nru 71-498 […] u d-Digriet Nru 2004-1463 […]"

22 B'Digriet tas-16 ta' Ottubru 2009, iż-żewġ kawżi ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali u tas-sentenza.

Fuq id-domandi preliminari

Osservazzjonijiet preliminari

23 Id-domandi preliminari, hekk kif redatti mill-qorti tar-rinviju, jirrigwardaw it-tipi kollha ta' periti ġudizzjarji, u għaldaqstant ma humiex formalment limitati biss għall-periti ġudizzjarji li għandhom il-kwalità ta' tradutturi.

24 Madankollu, mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li l-kawżi prinċipali jirrigwardaw l-inklużjoni ta' J. Peñarroja Fa f'żewġ listi ta' periti ġudizzjarji fil-kwalità ta' traduttur. Barra minn hekk, hemm lok li jiġi kkonstatat li, għalkemm il-kontenut tal-funzjonijiet fdati lill-periti maħtura bħala tradutturi mill-qrati fil-kuntest tal-proċeduri pendenti quddiemhom u l-kundizzjonijiet ta' eżerċizzju ta' dawn il-funzjonijiet jirriżultaw mill-proċessi, l-informazzjoni pprovduta fir-rigward tat-tipi l-oħra ta' periti ġudizzjarji ma tippermettix lill-Qorti tal-Ġustizzja teżamina b'mod ċar id-domandi magħmula fir-rigward tagħhom.

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li d-domandi jiġu ttrattati bħala li jikkonċernaw esklużivament il-funzjoni ta' perit ġudizzjarju li għandu l-kwalità ta' traduttur (iktar 'il quddiem il-"periti ġudizzjarji tradutturi").

Fuq ir-raba' domanda fil-Kawża C-373/09

26 Permezz tar-raba'domanda fil-Kawża C-373/09, li għandha tiġi eżaminata l-ewwel, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' perit ġudizzjarju fil-kwalità ta' traduttur imwettqa minn periti inklużi f'lista bħal-lista nazzjonali ta' periti ġudizzjarji sottomessa mill-Cour de cassation, jaqax taħt il-kunċett ta'"professjoni regolata" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2005/36.

27 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li d-definizzjoni ta' dan il-kunċett taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2009, Rubino, C-586/08, Ġabra p. I-12013, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Skont l-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2005/36, l-imsemmi kunċett jipprevedi "attività professjonali jew grupp ta' attivitajiet professjonali, li l-aċċess għalihom, l-eżerċizzju tagħhom, jew wieħed mill-modi ta' l-eżerċizzju tagħhom huma soġġetti, direttament jew indirettament, permezz ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari jew amministrattivi, għall-pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi".

29 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Liġi 71 498 u d-Digriet Nru 2004 1463 għandhom bħala għan li jippermettu, bil-għan li jiżguraw il-protezzjoni tal-individwi u l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, li jistabbilixxu, f'oqsma differenti, listi ta' professjonisti li l-qrati jkunu jistgħu jindirizzaw sabiex iwettqu perizji jew funzjonijiet oħra fil-kuntest tal-proċeduri dwar il-kwistjonijiet li jitressqu quddiemhom.

30 B'hekk, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom bħala għan uniku li jiffaċilitaw l-aċċess għal professjonisti, membri jew le ta' professjoni regolata, u mhux li jorganizzaw ir-rikonoxximent ta' kwalifiki speċifiċi, li hija kompetenza li la l-qrati tal-Appell u lanqas l-uffiċċju tal-Cour de cassation ma għandhom (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2003, Burbaud, C-285/01, Ġabra p. I-8219, punt 91). Barra minn hekk, dawn il-qrati jistgħu wkoll jirrikorru legalment għal periti li ma humiex inklużi fl-imsemmija listi. B'hekk, l-imsemmija dispożizzjonijiet ma jistabbilixxux, fihom infushom, tali professjoni regolata.

31 Barra minn hekk, il-fatt li persuni jintalbu jipprovdu servizzi ta' traduzzjoni lill-qrati nazzjonali Franċiżi taħt it-titolu ta' "perit tal-qorti tal-Appell" jew ta' "perit approvat mill-Cour de cassation", ma huwiex ta' natura, fid-dawl tat-tieni parti tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2005/36, li jdgħajjef tali konstatazzjoni.

32 Għaldaqstant, ir-risposta għar-raba'domanda mressqa fil-Kawża C-373/09 għandha tkun li s-servizzi tal-periti ġudizzjarji tradutturi pprovduti minn periti inklużi f'lista bħal ma hija l-lista ta' periti ġudizzjarji sottomessa mill-Cour de cassation ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "professjoni regolata" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2005/36.

Fuq l-ewwel domanda fiż-żewġ kawżi

33 Permezz tal-ewwel domanda tagħha fiż-żewġ kawżi, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-funzjoni fdata lil professjonista maħtur fil-kwalità ta' perit

ġudizzjarju traduttur minn qorti nazzjonali fil-kuntest ta' kawża li tittressaq quddiemha, f'kuntest ġuridiku bħal dak li jirriżulta mill-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u minn dak tal-Proċedura Kriminali Franċiżi kif ukoll mil-Liġi Nru 71-498 u mid-Digriet Nru 2004-1463, taqax taħt il-kunċett ta' "servizzi" fis-sens tal-Artikolu 50 KE.

34 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li mill-proċessi jirriżulta li l-funzjonijiet tal-periti ġudizzjarji tradutturi inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkonsistu, fuq ħatra tal-qorti f'kull każ individwali, f'li jipprovdu traduzzjoni imparzjali u ta' kwalità minn lingwa għal oħra.

35 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 50 KE, huma kkunsidrati bħala servizzi s-servizzi normalment mogħtija bi ħlas, sa fejn ma jkunux regolati mid-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-kapital u tal-persuni. It-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu jelenka, bħala eżempju, ċerti attivitajiet li jaqgħu taħt il-kunċett ta' servizzi, fosthom l-attivitajiet professjonali.

36 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li s-servizzi tal-periti ġudizzjarji huma rregolati minn regoli speċifiċi, fosthom, b'mod partikolari, ir-regola li tipprovdi li dawn jistgħu jintervjenu biss fuq ħatra tagħhom minn imħallef, għal funzjoni li t-termini tagħhom huma ddefiniti minn dan tal-aħħar, u ma jistgħux jaħdmu lil hinn minn dawn il-kundizzjonijiet, u li r-renumerazzjoni tagħhom hija stabbilita mill-awtorità ġudizzjarja.

37 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-karatteristika essenzjali tar-renumerazzjoni tinsab fil-fatt li hija tikkostitwixxi l-korrispettiv ekonomiku tas-servizz inkwistjoni, liema korrispettiv huwa normalment iddefinit bejn il-fornitur u d-destinatarju tas-servizz (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-22 ta' Mejju 2003, Freskot, C-355/00, Ġabra p. I-5263, punti 54 u 55, u

kif ukoll tas-17 ta' Novembru 2009, Presidente del Consiglio dei Ministri, C-169/08, Ġabra p. I-10821, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 B'hekk, il-fatt biss li r-renumerazzjoni hija ffissata, bħal ma hija fi Franza għall-periti ġudizzjarji, skont tariffa deċiża mill-awtorità pubblika, ma għandux impatt fuq il-klassifikazzjoni tal-provvista ta' servizzi ta' xogħol li huma jintalbu jipprovdu (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2001, Smits u Peerbooms, C-157/99, Ġabra p. I-5473, punt 56).

39 Barra minn hekk, il-fatt li perit ġudizzjarju jintervjeni biss wara l-ħatra minn imħallef għal funzjoni li l-kundizzjonijiet tagħhom huma ddefiniti minnu, ma joħloqx differenza fundamentali bejn din il-funzjoni u r-relazzjonijiet kuntrattwali klassiċi fil-qasam tal-provvista ta' servizzi. B'hekk, ma huwiex eċċezzjonali li l-fornitur u d-destinatarju ta' servizz speċifiku jiddeċiedu, fil-kuntratt li jorbothom, li jafdaw lil waħda mill-partijiet f'dan il-kuntratt ċerta setgħa deċiżjonali, filwaqt li jirrestringu din is-setgħa permezz ta' preċiżazzjonijiet fir-rigward tas-servizzi li għandhom jiġu pprovduti. F'dan il-kuntest, l-espert li jitlob li jiġi inkluż fil-lista ta' periti ġudizzjarji għandu jitqies li aċċetta r-regoli partikolari li jirregolaw is-servizzi ta' dawn il-periti, b'mod partikolari r-regoli tal-proċedura dwar is-setgħat tal-imħallef, li jiddefinixxi każ b'każ dak li għandu jiġi tradott u l-kundizzjonijiet preċiżi li fihom għandha sseħħ it-traduzzjoni pprovduta mill-perit ġudizzjarju traduttur.

40 Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, ir-risposta għall-ewwel domanda fiż-żewġ kawżi għandha tkun li, funzjoni fdata, każ b'każ minn qorti, fil-kuntest ta' kawża ppreżentata quddiemha, lil professjonist fil-kwalità ta' perit ġudizzjarju traduttur, tikkostitwixxi provvista ta' servizzi fis-sens tal-Artikolu 50 KE (li attwalment jikkorrispondi għall-Artikolu 57 TFUE).

Fuq it-tieni domanda fiż-żewġ kawżi

41 Permezz tat-tieni domanda fiż-żewġ kawżi, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-funzjoni fdata lil professjonist maħtur fil-kwalità ta' perit ġudizzjarju traduttur minn qorti nazzjonali fil-kuntest ta' kawża li titressaq quddiemha, f'kuntest ġuridiku bħal dak li jirriżulta mill-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u minn dak ta' Proċedura Kriminali Franċiżi, kif ukoll mil-Liġi Nru 71-498 u mid-Digriet Nru 2004-1463, taqax taħt il-kunċett ta' "attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika", fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE. Il-qorti tar-rinviju tippreċiża b'mod partikolari li l-perit ġudizzjarju jingħata s-setgħat tiegħu minn imħallef, li l-intervent tiegħu huwa intiż li jgħinu jasal għad-deċiżjoni tiegħu, u li l-opinjoni tal-perit tista' jkollha influwenza fuq din id-deċiżjoni, minkejja li l-imħallef ma huwiex marbut li jsegwi l-konklużjonijiet tiegħu. Hija żżid li l-perit ġudizzjarju għandu josserva l-prinċipji tal-proċedura stabbiliti mil-liġi.

42 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, attività taqa' biss fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE meta, meħuda fiha nnifisha, tikkostitwixxi parteċipazzjoni diretta u speċifika li taqa' fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 1974, Reyners, 2/74, Ġabra p. 631, punti 45 u 54).

43 Fil-kawża preżenti, mill-proċessi mibgħuta lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-funzjoni ta' perit ġudizzjarju traduttur inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa li jipprovdi traduzzjoni imparzjali u minn lingwa f'lingwa oħra, u mhux li jagħti opinjoni fuq il-mertu tal-kawża.

44 It-traduzzjonijiet imwettqa minn tali perit ma għandhomx, għaldaqstant, natura awżiljarja, u ma jolqtux l-evalwazzjoni tal-awtorità ġudizzjarja u l-eżerċizzju liberu tas-setgħa ġudizzjarja, minkejja li, hekk kif issostni r-rikorrent fil-kawża prinċipali, il-Gvern Franċiż, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, tali servizzi ta' traduzzjoni ma jistgħux jiġu kkunsidrati li huma attivitajiet li jaqgħu, fi Franza, fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika (ara, b'analoġija, is-sentenzi Reyners, iċċitati iktar 'il fuq, punti 52 u 53, kif ukoll tal-10 ta' Diċembru 1991, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-306/89, Ġabra p. I-5863, punt 7).

45 Għaldaqstant, hemm lok li r-risposta għat-tieni domanda fiż-żewġ kawżi tkun li l-attivitajiet tal-periti ġudizzjarji fil-qasam tat-traduzzjoni, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jikkostitwixxux attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE (li attwalment jikkorrispondi għall-ewwel paragrafu tal-Artikolu 51 TFUE).

Fuq it-tielet domanda fil-Kawża C-372/09

46 Permezz tat-tielet domanda tagħha fil-Kawża C-372/09, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 43 KE u 49 KE jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li, abbażi tagħha, l-inklużjoni f'lista ta' periti ġudizzjarji tradutturi sottomessa minn qorti tal-Appell tkun suġġetta għal kundizzjonijiet ta' età, ta' kompetenza, ta' moralità u ta' indipendenza, mingħajr ma l-awtoritajiet nazzjonali jkunu marbuta, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kompetenza professjonali tal-applikant, jieħdu inkunsiderazzjoni l-kwalifiki miksuba minnu fi Stat Membru ieħor, u mingħajr ma jkunu previsti modalitajiet ta' kontroll tal-evalwazzjoni tal-imsemmija awtoritajiet f'dan ir-rigward.

47 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li, skont l-informazzjoni pprovduta, J. Peñarroja Fa jirrisjedi f'Barcelona, iwettaq f'Catalunya l-professjoni ta' perit traduttur ġuramentat, u jixtieq jiġi inkluż, fil-kwalità ta' traduttur, fi Franza, fiż-żewġ listi ta' periti ġudizzjarji inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

48 Peress li mill-proċess ma jirriżultax li J. Peñarroja Fa kellu l-intenzjoni li jistabbilixxi ruħu fit-territorju Franċiż, il-kwistjoni li tressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għandha għaldaqstant tiġi eżaminata biss fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE applikabbli fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

49 Il-Gvern Franċiż iqis li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tirrigwarda kemm il-lista ta' periti ġudizzjarji sottomessa għal kull qorti tal-Appell u kemm il-lista nazzjonali ta' periti ġudizzjarji, ma tikkostitwixxix restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' perit ġudizzjarju, b'mod partikolari peress li l-imħallfin jistgħu, bħala regola ġenerali, jaħtru, skont l-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 71-498, kull persuna tal-għażla tagħhom li ma tidhirx fil-listi ta' periti ġudizzjarji.

50 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li l-Artikolu 49 KE ma jeżiġix biss l-eliminazzjoni ta' kull diskriminazzjoni fil-konfront ta' fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor minħabba n-nazzjonalità tiegħu, iżda jeżiġi wkoll l-eliminazzjoni ta' kull restrizzjoni, anki jekk tapplika mingħajr distinzjoni għall-forniturі nazzjonali u għal dawk ta' Stati Membri oħra, jekk din tkun ta' natura li tipprojbixxi, tfixkel jew tagħmel inqas attraenti l-attivitajiet tal-fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor, fejn jipprovdi legalment servizzi simili (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2000, Corsten, C-58/98, Ġabra p. I-7919, punt 33, u kif ukoll tat-8 ta' Settembru 2009, Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, C-42/07, Ġabra p. I-7633, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, hekk kif tindika l-qorti tar-rinviju, l-istabbiliment tal-listi ta' periti ġudizzjarji, minkejja li huma stabbiliti abbażi tad-dritt nazzjonali "għall-informazzjoni tal-imħallfin", huma intiżi li jippermettu lill-qrati jiżguraw li l-professjonisti li jassistuhom jiddisponu mill-kompetenzi u mill-kapaċitajiet l-oħra neċessarji għall-kwalità u l-effiċjenza tas-servizz pubbliku tal-ġustizzja.

52 Fid-dawl ta' dan il-għan, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-istabbiliment tal-listi ta' periti ġudizzjarji bħal dawk inkwistjoni fil-kawza prinċipali huwa ta' natura li jinfluwenza l-għażla tal-qrati, fis-sens li dawn ikollhom it-tendenza li jagħżlu l-periti inklużi f'dawn il-listi, peress li jistgħu jippreżumu li jollhom il-kwalitajiet mitluba sabiex jassistuhom.

53 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li, minkejja li ma jeżistix obbligu formali għall-qrati sabiex jinnominaw biss il-periti inklużi f'dawn il-listi, l-istabbiliment tagħhom jikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' perit ġudizzjarju traduttur (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Novembru 1982, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, 249/81, Ġabra p. 4005, punt 28).

54 Hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li, anki fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni f'din il-materja, tali restrizzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tista' tiġi ġġustifikata biss permezz ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali u li japplikaw għal kull persuna jew impriża li teżerċita attività fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, sakemm tkun tajba sabiex jiġi ggarantit li jitwettaq l-għan imfittex u li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan, u sakemm dan l-interess ma huwiex issalvagwardjat mir-regoli li għalihom il-fornitur ikun suġġett fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit (ara b'mod partikolari, is-sentenzi tat-23 ta' Novembru 1999, Arblade *et*, C-369/96 u C-376/96, Ġabra p. I-8453, iċċitata iktar 'il fuq, punti 34 u 35, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tal-15 ta' Jannar 2002, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-439/99, Ġabra p. I-305, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 *Fost dawn ir-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali jidhru l-protezzjoni tal-individwi u l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.*

56 Għalkemm għandu jiġi ammess li l-kundizzjonijiet stabbiliti minn dispożizzjoni bħall-Artikolu 2 tad-Digriet Nru 2004-1463 jistgħu jiżguraw it-twettiq ta' dawn l-għanijiet u, għaldaqstant, jikkostitwixxu restrizzjoni ammissibbli tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, dawn ma jistgħux imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-imsemmija għanijiet.

57 F'dan ir-rigward, għalkemm il-protezzjoni tal-individwi u ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja jistgħu jiġġustifikaw l-istabbiliment ta' lista ta' periti li jkunu, kif ġie kkonstatat fil-punt 52, fil-prattika, dawk li l-iktar spiss jintalbu jipprovdu s-servizzi tagħhom, xorta huwa neċessarju li l-istabbiliment tagħhom ikun ibbażat fuq kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji.

58 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li huma l-awtoritajiet nazzjonali li għandhom jiżguraw b'mod partikolari li l-kwalifiki miksuba fi Stati Membri oħra jiġu rrikonoxxuti bil-valur ġust tagħhom u li jittieħdu debitament inkunsiderazzjoni fil-kuntest ta' tali proċedura (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-7 ta' Mejju 1991, Vlassopoulou, C-340/89, Ġabra p. I-2357, punt 16; tat-22 ta' Jannar 2002, Dreessen, C-31/00, Ġabra p. I-663, punti 23 u 24, kif ukoll Rubino, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34).

59 Fil-kawża preżenti, il-Gvern Franċiż isemmi l-eżistenza ta' prassi li tipprovdi li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-inklużjoni fil-listi ta' periti ġudizzjarji inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-esperjenza tal-kandidati li jwettqu jew li wettqu funzjonijiet ta' periti ġudizzjarji għal qorti barranija.

60 Madankollu, mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Cour de cassation, l-ebda dispożizzjoni legali jew regolamentari ma timponi l-obbligu ta' motivazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' rifjut ta' inklużjoni inizjali fl-imsemmija listi, li l-proċedura ta' inklużjoni ma tagħti lok għal ebda att li jista' jaqa' taħt il-proċedura Franċiża ta' aċċess għad-dokumenti amministrattivi u li l-Cour de cassation, meta titressaq quddiemha azzjoni kontra deċiżjoni ta' rifjut ta' inklużjoni, tivverifika biss ir-regolarità proċedurali tal-eżami tat-talba għal inklużjoni, bl-esklużjoni, b'mod partikolari, tal-kwalitajiet professjonali tal-applikant.

61 Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li d-deċiżjonijiet ta' rifjut ta' inklużjoni ta' periti ġudizzjarji tradutturi fil-listi ta' periti f'kundizzjonijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jevitaw stħarriġ ġudizzjarju effettiv fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-esperjenza u tal-kwalifiki miksuba u rrikonoxxuti fi Stati Membri oħra.

62 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-eżami tal-kwalifiki miksuba fi Stati Membri oħra kif ukoll it-teħid inkunsiderazzjoni tagħhom, għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet nazzjonali skont proċedura li tikkonforma mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali mogħtija liċ-ċittadini tal-Unjoni, b'mod partikolari mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

63 Isegwi li kull deċiżjoni għandha tagħti lok għal azzjoni ta' natura ġudizzjarja li tippermetti li tiġi vverifikata l-legalità tagħha fil-konfront tad-dritt tal-Unjoni. Sabiex dan l-istħarriġ ġuridiku jkun effikaċi, huwa importanti li l-parti interessata tkun tista' tieħu konoxxenza tal-motivi tad-deċiżjoni meħuda fil-konfront tagħha, ħaġa li tippermettilha tiddefendi ruħha fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli u li tiddeċiedi, fil-konoxxenza totali tal-każ, jekk ikunx utli għaliha li tressaq azzjoni quddiem qorti. Minn dan jirriżulta li l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha l-obbligu tgħarrfu bil-motivi li fuqhom dan ir-rifjut huwa bbażat kemm fid-deċiżjoni stess, u kemm f'komunikazzjoni sussegwenti mwettqa fuq talba tiegħu (ara s-sentenzi

tal-15 ta' Ottubru 1987, Heylens *et*, 222/86, Ġabra p. 4097, punti 15 u 17, u kif ukoll Vlassopoulou, iċċitata iktar 'il fuq, punt 22).

64 Konsegwentement, sa fejn leġiżlazzjoni nazzjonali li tikkostitwixxi restrizzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma tistabbilixxix modalitajiet ta' stħarriġ effettivi ta' natura ġudizzjarja tat-teħid inkunsiderazzjoni fil-valur reali tagħha, ta' kwalifiki ta' perit ġudizzjarju traduttur, irrikonoxxuta mill-qrati ta' Stati Membri oħra, din il-leġiżlazzjoni ma tissodisfax l-eżiġenzi tad-dritt tal-Unjoni.

65 Għaldaqstant, hemm lok li r-risposta għat-tielet domanda mressqa fil-Kawża C-372/09 tkun li l-Artikolu 49 KE, li attwalment jikkorrispondi għall-Artikolu 56 TFUE, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li abbażi tagħha l-inklużjoni f'lista ta' periti ġudizzjarji tradutturi tkun suġġetta għal kundizzjonijiet ta' kwalifiki mingħajr ma l-applikanti jkunu jistgħu jieħdu konoxxenza tal-motivi tad-deċiżjoni meħuda fil-konfront tagħhom u mingħajr ma dawn ikunu jistgħu jressqu azzjoni ta' natura ġudizzjarja effettiva li tippermetti li tiġi vverifikata l-legalità tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-osservanza tar-rekwiżit, li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, li l-kwalifiki tagħhom miksuba u rrikonoxxuti fi Stati Membri oħra jkunu ttieħdu inkunsiderazzjoni.

Fuq it-tielet domanda fil-Kawża C-373/09

66 Permezz tat-tielet domanda tagħha fil-Kawża C-373/09, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk, meħud waħdu, rekwiżit bħal dak tal-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 71-498, li jipprovdi li ħadd ma jista' jidher fil-lista ta' periti ġudizzjarji qabel ma ismu jkun deher f'lista sottomessa minn qorti tal-Appell għal tliet snin konsekuttivi, imurx kontra l-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

67 Qabel kollox, għandu jiġi indikat li, minħabba raġunijiet imqajma fil-punt 49 ta' din is-sentenza, din id-domanda, imressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, għandha tiġi eżaminata biss fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat applikabbli fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

68 Mill-kunsiderazzjonijiet żviluppati fil-punti 49 sa 53 ta' din is-sentenza jirriżulta li r-rekwiżit ta' inklużjoni fil-listi ta' periti ġudizzjarji, stabbilit mil-Liġi Nru 71-498 u mid-Digriet Nru 2004-1463, jikkostitwixxi restrizzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' perit ġudizzjarju traduttur.

69 Hemm lok ukoll li jiġi ammess li kundizzjoni preliminari bħal dik li tipprovdi li l-applikant għandu jkun inkluż f'lista sottomessa minn qorti tal-Appell għal tliet snin konsekuttivi, tista' tiżgura t-twettiq tal-għanijiet ta' protezzjoni tal-individwi involuti fi proċedura quddiem il-Cour de cassation, u ta' amministrazzjoni tajba u, għaldaqstant, tikkostitwixxi restrizzjoni ammissibbli tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

70 Madankollu, għandu jiġi eżaminat jekk din il-kundizzjoni, li tapplika mingħajr distinzjoni fuq il-forniturі nazzjonali u dawk tal-Istati Membri l-oħra, tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-imsemmija għanijiet.

71 F'dan ir-rigward, il-Gvern Franċiż isostni, qabel kollox, li tali kundizzjoni tippermetti li jiġi żgurat li perit ikun kiseb konoxxenza tajba tal-proċeduri ġuridiċi tal-Istat Membru kkonċernat, li jistgħu jkunu sostanzjalment differenti mill-proċeduri ġuridizzjarji tal-Istati Membri l-oħra, peress li din il-konoxxenza tista' tinkiseb biss permezz tal-prattika. Imbagħad, peress li l-funzjonijiet tal-periti ġudizzjarji huma

speċifiċi u peress li jistgħu jgħaddu diversi xhur jew snin bejn funzjonijiet suċċessivi, il-ħtieġa li jitniżżlu f'lista ta' periti ġudizzjarji ma hijiex eċċessiva.

72 Għandu jiġi rrilevat li r-rekwiżiti rigorużi fir-rigward tal-kwalità tal-professjonisti kollha li jipparteċipaw fi proċess ġudizzjarju huma imposti sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-individwi u l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u iktar u iktar fir-rigward ta' professjonisti li jipparteċipaw fi proċedura quddiem qorti suprema ta' Stat Membru, bħalma hija l-Cour de cassation Franċiża.

73 Fir-rigward ta' servizzi ta' traduzzjoni fil-kuntest ta' tali proċedura, ma huwiex sproporzjonat, sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' protezzjoni tal-individwi u ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, li jkun meħtieġ li l-perit ġudizzjarju traduttur ikollu diġà ċerta esperjenza prattika fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tat-traduzzjoni ġuridika u ċerta konoxxenza tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru tal-qorti kkonċernata.

74 Fid-dawl tan-natura speċifika tal-funzjonijiet tal-periti ġudizzjarji tradutturi inklużi f'lista sottomessa minn qorti tal-Appell kif ukoll tal-fatt li jistgħu jgħaddu diversi xhur jew anki snin bejn funzjonijiet suċċessivi, għandha tiġi rrikonoxxuta, għall-Istat Membru kkonċernat, ċerta marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tad-dewmien li huwa meqjus neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfakkra preċedentement. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rekwiżit li l-applikant għandu jitniżżel f'lista ta' periti ġudizzjarji għal tliet snin konsekuttivi, bħala prinċipju ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat li dawn l-għanijiet jintlaħqu.

75 Madankollu, l-applikazzjoni ta' tali regola fuq perit ġudizzjarju traduttur ta' Stat Membru li diġà wettaq funzjonijiet quddiem il-qrati ta' dan tal-aħħar jew dawk ta' Stati Membri oħra, b'mod partikolari quddiem il-qrati superjuri tagħhom, tkun sproporzjonata fid-dawl tal-prinċipju mfakkar fil-punt 58 ta' din is-sentenza.

76 Fil-fatt, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, id-dritt tal-Unjoni jeżiġi li l-awtorità, li quddiemha tittressaq talba għall-inklużjoni f'lista bħal-lista nazzjonali ta' periti ġudizzjarji, tieħu inkunsiderazzjoni l-kwalifiki li l-applikant ikun kiseb fi Stati Membri oħra sabiex tiddetermina jekk u kemm dawn ikunu ekwivalenti għall-kompetenzi normalment mistennija minn persuna li tkun ilha inkluża għal tliet snin konsekuttivi f'lista sottomessa minn qorti tal-Appell (ara, b'analoġija, is-sentenza Vlassopoulou, iċċitata iktar 'il fuq, punt 16).

77 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, kif diġà ġie indikat fil-punt 63 ta' din is-sentenza, li kull deċiżjoni għandha tkun tista' tagħti lok għal azzjoni ta' natura ġudizzjarja li jippermetti li tiġi vverifikata l-legalità tagħha fil-konfront tad-dritt tal-Unjoni, u li l-parti interessata tkun tista' tieħu konoxxenza tal-motivi tad-deċiżjoni meħuda fil-konfront tagħha.

78 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' qabel, ir-risposta għat-tielet domanda mressqa fil-Kawża C-373/09, għandha tkun li l-Artikolu 49 KE, li attwalment jikkorrispondi għall-Artikolu 56 TFUE, jipprekludi rekwiżit bħal dak previst fl-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 71-498, li minnu jirriżulta li ħadd ma jista' jidher fil-lista nazzjonali ta' periti ġudizzjarji fil-kwalità ta' traduttur jekk ma kienx imniżżel f'lista ta' periti ġudizzjarji sottomessa minn qorti tal-Appell għal perijodu ta' tliet snin konsekuttivi, peress li tali rekwiżit jostakola, fil-kuntest tal-eżami ta' applikazzjoni ta' persuna stabbilita fi Stat Membru ieħor, li ma tissodisfax tali rekwiżit, li l-kwalifiki miksuba minn din il-persuna u rrikonoxxuti fi Stat Membru ieħor jkunu tittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex

jiġi eżaminat jekk u kemm dawn humiex ekwivalenti għall-kompetenzi normalment mistennija minn persuna li ilha inkluża għal tliet snin konsekuttivi f'lista ta' periti ġudizzjarji sottomessa minn qorti tal-Appell.

Fuq l-ispejjeż

79 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Funzjoni fdata minn qorti, fil-kuntest ta' kawża ppreżentata quddiemha, lil professjonist fil-kwalità ta' perit ġudizzjarju traduttur, tikkostitwixxi provvista ta' servizzi fis-sens tal-Artikolu 50 KE (li attwalment jikkorrispondi għall-Artikolu 57 TFUE).

2) L-attivitajiet tal-periti ġudizzjarji fil-qasam tat-traduzzjoni, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jikkostitwixxux attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE (li attwalment jikkorrispondi għall-Artikolu 51 TFUE).

3) L-Artikolu 49 KE, li attwalment jikkorrispondi għall-Artikolu 56 TFUE, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali,

li abbażi tagħha l-inklużjoni f'lista ta' periti ġudizzjarji tradutturi tkun suġġetta għal kundizzjonijiet ta' kwalifiki mingħajr ma l-applikanti jkunu jistgħu jieħdu konoxxenza tal-motivi tad-deċiżjoni meħuda fil-konfront tagħhom u mingħajr ma dawn ikunu jistgħu jressqu azzjoni ta' natura ġudizzjarja effettiva li tippermetti li tiġi vverifikata l-legalità tagħha, b'mod partikolari, fir-rigward tal-osservanza tar-rekwiżit, li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, li l-kwalifiki tagħhom miksuba u rrikonoxxuti fi Stati Membri oħra jkunu ttieħdu inkunsiderazzjoni.

4) **L-Artikolu 49 KE, li attwalment jikkorrispondi għall-Artikolu 56 TFUE, jipprekludi rekwiżit bħal dak previst fl-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 71-498, tad-29 ta' Ġunju 1971 dwar il-periti ġudizzjarji, kif emendata bil-Liġi Nru 2004 130 tal-11 ta' Frar 2004, li minnu jirriżulta li ħadd ma jista' jidher fil-lista nazzjonali ta' periti ġudizzjarji fil-kwalità ta' traduttur jekk ma kienx imniżżel f'lista ta' periti ġudizzjarji sottomessa minn qorti tal-appell għal perijodu ta' tliet snin konsekuttivi, peress li tali rekwiżit jostakola, fil-kuntest tal-eżami ta' applikazzjoni ta' persuna stabbilita fi Stat Membru ieħor, li ma tissodisfax tali rekwiżit, li l-kwalifiki miksuba minn din il-persuna u rrikonoxxuti fi Stat Membru ieħor ikunu ttieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi eżaminat jekk jistgħux jew sa fejn dawn jistgħu jkunu ekwivalenti għall-kompetenzi normalment mistennija minn persuna li ilha inkluża għal tliet snin konsekuttivi f'lista ta' periti ġudizzjarji sottomessa minn qorti tal-appell.**

5) **Il-funzjonijiet tal-periti ġudizzjarji tradutturi pprovduti minn periti inklużi f'lista bħal ma hija l-lista ta' periti ġudizzjarji sottomessa mill-Cour de cassation ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "professjoni regolata" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali.**

Firem